# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 22

L-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2025

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar l-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2025 fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

22.1.1 Minħabba li l-membri kollha tal-Kunsill kienu preżenti ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

22.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 21 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

22.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

22.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

22.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ma kien hemm l-ebda reġistrazzjoni u attendenza waqt il-laqgħa annwali tal-lokalita' wara li nħareġ avviż u tqassam f'kull residenza fil-lokalita'.

22.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li tqassam il-fuljett bil-programm t'attivitajiet tal-Milied. Dawn l-attivitajiet u t-tiżjin tal-Milied ser isiru bil-kollaborazzjoni u l-għajnuna finanzjarja tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll tal-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar. L-attivitajiet imsemmija fil-fuljett jinkludu l-ħarġa soċjo-kulturali li saret b'suċċess fit-8 ta' Diċembru 2025, Jum il-Munxar nhar it-12 ta' Diċembru 2025, l-attivita' għall-familja kollha fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar nhar l-14 ta' Diċembru 2025, is-servizz ta' tqassim tar-rigali u tal-ikla solidali nhar jum il-Milied, kif ukoll l-attivita' tat-tfal nhar id-29 ta' Diċembru 2025.

Kunsill Lokali Il-Munxar

**22.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

22.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**22.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';**

22.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-proġett tal-installazzjoni tal-bust tal-Professur Ġużè' Aquilina u l-infrastruttura għalih miexi kif ippjanat u għalhekk l-inawgurazzjoni tiegħu se ssir nhar il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2025 fis-6.30 ta' filgħaxija bis-sehem tat-tfal tal-Iskola Primarja ta' Sannat, liema skola hija msemmija għall-Professur Ġużè' Aquilina stess. Is-Sindku ppropona sabiex jinħarġu l-inviti lir-residenti kollha tal-lokalita', lill-qraba tal-Professur Ġużè' Aquilina', lill-amministrazzjoni tal-iskola Primarja ta' Sannat, kif ukoll lill-persuni distinti. Kien hemm qbill mill-membri dwar l-inviti kif ukoll ġie deċiż sabiex wara ċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni jsir riċeviment żgħir.

**22.6 Approvazzjoni tal-*Performance Appraisals* 2025 tal-impjegati tal-Kunsill;**

22.6.1 Is-Sindku ppreżenta l-*performance appraisal report* li hejja tas-Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *performance bonus* sħiħ.

22.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*performance appraisal reports* li hejja tal-Uffiċċjal Klerikali Nicholette Attard u tal-Uffiċċjal Amministrattiv II Kimberly Spiteri għas-sena 2025. Il-Kunsill unanimament approva ħlas ta' *performance bonus* sħiħ għal dawn l-impjegati.

**22.7 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (*budget*) għas-sena 2026;**

22.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-estimi finanzjarji (budget) għas-sena 2026 liema rapport intbagħat wkoll lill-membri permezz ta' *email*.

Kunsill Lokali Il-Munxar

22.7.2 L-estimi finanzjarji (budget) għas-sena 2026 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

22.8 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:
*Supply, Delivery, And Installation Of Decorative Street Lighting At Triq Ir-Rumani And Triq Il-Kavalieri, Xlendi, Munxar, Għawdex, In An Environmentally Friendly Manner*;

22.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-11 ta' Lulju 2025. Kien hemm żewġ offerti:
Richard Cauchi (000234917) - €47,797.40
Richard Cauchi (000234915) - €58,660.22

22.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lil Richard Cauchi (000234917) li kienet l-orħos offerta u konformi mar-rekwiżiti mitluba.

22.8.3 Il-membri tal-Kunsill preżenti laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

22.9 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

22.9.1 Il-Kunsill Lokali rċieva talba għal kollaborazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) fir-rigward ta' inizjattiva proposta dwar l-evalwazzjoni tad-dwal eżistenti fix-Xlendi bħala parti minn proġett b'fondi ewropej EMFAF.P1.209 – *Light Retrofitting Initiative for Protected Seabirds Conservation*. Il-membri qablu li l-Kunsill Lokali jipparteċipa fl-ewwel fażi, li tinkludi assessjar u evalwazzjoni tad-dwal attwali minn persuni tekniċi mqabbda mill-ERA. Wara li jitlesta dan l-eżerċizzju, il-Kunsill Lokali jiddeċiedi jekk jaqbilx kompletament jew parzjalment mar-rakkomandazzjonijiet li jkunu proposti għall-implimentazzjoni.

22.9.2 Il-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza minn Heritage Malta, li fiha ġie indikat li bħalissa qed isiru t-tħejjijiet għall-avvenimenti tas-sena d-dieħla. Wara s-suċċess tal-Xlendi Tower Open Weekend u l-Shipwreck Festival li ttellgħu din is-sena, Heritage Malta talbet jekk

Kunsill Lokali Il-Munxar

dawn l-avvenimenti jistgħux jerġgħu jsiru fl-2026 fl-istess dati, jiġifieri: Xlendi Tower Open Weekend: is-Sibt 15 u l-Ħadd 16 ta' Awwissu 2026; Shipwreck Festival: il-Ġimgħa 28 u s-Sibt 29 ta' Awwissu 2026. Kien hemm qbil mill-membri li dawn l-avvenimenti jerġgħu jsiru fid-dati indikati. Ġie nnutat ukoll li Heritage Malta se tkun qed tikkuntattja lill-Kunsill Lokali f'data aktar 'il quddiem sabiex jiġu diskussi aktar dettalji.

22.9.3

Il-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza mill-*Foundation for Social Welfare Services, Gozo Branch*, li fiha ġie indikat li, bħala parti mix-xogħol ta' ħaddiema soċjali fil-komunità, qed jiġi propost eżerċizzju ta' kuntatt mal-pubbliku bil-għan li tiġi pprovduta informazzjoni u promozzjoni tas-servizzi offruti lill-komunità lokali. F'din it-talba ġie indikat li l-organizzazzjoni tixtieq torganizza stand informattiv fix-Xlendi nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Diċembru 2025, bejn it-12:00 u t-15:00. Il-membri ma sabu l-ebda oġġezzjoni sabiex dan l-eżerċizzju jitwettaq kif propost.

22.9.4

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali b'ittra mingħand Dr Lydia Abela, mart il-Prim Ministru, rigward l-attivita' annwali "Rigal b'Imħabba". Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jipparteċipa' f'din l-inizjattiva.

22.9.5

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Direttorat tal-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar dwar attivita' bl-isem "Rigal bi Mħabba b'Differenza" li tħeġġeġ solidarjeta' u kura għall-annimali fis-santwarji f'pajjiżna. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.9.6

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali b'approvazzjoni u trasferiment ta' fondi parzjali bil-quddiem fir-rigward tal-iskema SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament : Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'. Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li kien hemm qbil sabiex jibda l-proċess mal-Perit tal-Kunsill għall-permessi neċessarji u l-process tas-sejħa għall-offerti għar-riġenerazzjoni tal-Ġnien Ġebla tal-Poplu fil-Munxar.

22.9.7

Il-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza mibgħuta mill-Victim Support Agency (VSA), li esprimiet l-interess tagħha li torganizza sessjoni informattiva bil-għan li tqajjem kuxjenza dwar is-servizzi offruti u d-drittijiet tal-vittmi. Il-Kunsill qabel li jospita sessjoni informattiva

Kunsill Lokali Il-Munxar

mill-Victim Support Agency, bid-dettalji jiġu kkonfermati f'data
22.9.8 aktar 'il quddiem.

Il-Kunsill Lokali nnota korrispondenza mingħand Il-Kunsill Reġjonali Għawdex bi stedina għal kollaborazzjoni mill-*Gozo Association for the Deaf* relatata ma' taħditiet dwar it-telf tas-smigħ u t-twettiq ta'
22.9.9 testijiet tas-smigħ mingħajr ħlas.

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ministeru Għall-Agrikultura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali bi stedina sabiex il-Kunsilli jipparteċipaw fi skema ta' tqassim ta' siġar tal-palm. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jissottometti l-interess sabiex jakkwista
22.9.10 siġra tal-palm għal Triq L-Isqawi fil-Munxar.

Il-Kunsill Lokali nnota korrispondenza mingħand Il-Kunsill Reġjonali Għawdex bi stedina għall-interess sabiex tibda tintuża mini-sweeper, li ser tkun provduta mill-Ministeru Għal Għawdex u L-
22.9.11 Ippjanar, f'toroq sekondarji mħaddma mill-ħaddiema tal-istess Kunsill.

22.9.12 Ċirkulari Nru AKL 2025/069 – Stedina għal Workshop Informazzjoni Konsulari. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.9.13 Ċirkulari Nru AKL 2025/070 – Kors għall-ħaddiema fi skala 16 skond il-Ftehim Kollettiv għall-Ħaddiema Klerikali. Il-Kunsill innota l-kontenut.
22.9.14

Ċirkulari Nru AKL 2025/071 – Proċess tal-ELoGE: Gwida, Appoġġ u Sessjoni ta' Follow-Up għall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.
22.9.15

Ċirkulari Nru AKL 2025/072 – Registration for the fifth edition of the Academy and Conference "Human Rights Go Local: What Works!".
22.9.16 Il-Kunsill innota l-kontenut.

Ċirkulari Nru AKL 2025/073 – Call No. 2/2025 "Interreg VI-A Italy-Malta". Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.9.17 Ilment 72/2025



Kunsill Lokali Il-Munxar

Resident jitlob sabiex isiru xi emendi fuq *double yellow lines* quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq San Pawl fil-Munxar. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni fuq kif propost mir-resident.

**22.10** Ilment 73/2025

22.10.1 Resident jitlob sabiex issir *road hump* biex jitnaqqas is-sewqan eċċessiv fi Triq il-Qroll fix-Xlendi. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jieħu parir mingħand il-Perit għal *traffic calming measures* f'dik it-triq.

**22.11** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

22.11.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 22/2025-9 għall-perjodu bejn il-25 ta' Novembru 2025 u l-10 ta' Diċembru 2025 li tammonta għal €35,775.64 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Cassar is-sekondant.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 16 ta' Jannar 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ġimgħa 16 ta' Jannar 2026.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar